**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 42 – 1 ta’ Frar 2011**

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-7 ta’ filgħaxija u saret Agenda 42. Il-laqgha bdiet fis-7.15 ta’ filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Mario Borg | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Prezenti ghal-laqgha kien hemm is-sur John Zammit

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

**1. QARI U APPROVAZJZONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta’ Agenda 41 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li ma punt 3.2. tal-minuti jitnizzel li huwa kien ikkummenta fuq il-fatt li kien hemm diskrepanza bejn il-kwalifici mnizzlin fuq is-cv’s tal-applikanti u t-tabella li giet preparata.

1.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti jigu approvati hekk kif emendati. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti gew approvati b' mod unanimu. (92)

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf jekk fil-kaz ta' Triq il-Buskett, kienux ir-residenti li jridu jhalsu ghas-servizzi l-godda tad-drainage. Il-Kunsillier Dominic Cutajar spjega l-procedura.

2.2. Il-Kunsillier Philip Said ghamel referenza ghal punt 3.2.4 tal-minuti u talab kjarifika dwar kif tahdem is-sistema tal-kwalifici u l-vakanzi permezz tal-ETC. Is-Sindku Alfred Grixti ta' spjegazzjoni fid-dettal ta' kif jahdem il-process ta' vakanzi ma' entitajiet parastatali permezz tal-ETC.

2.3. Il-Kunsillier Philip Said ghamel referenza ghal punt 5.5. tal-minuti dwar tender ghal-gbir tal-iskart bulky u talab li jkun jaf l-izviluppi fuq dan is-suggett. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li l-kuntrattur kien ghadu lest li jibqa' joffri s-servizz b' xejn bhala parti mill-pakkett tal-gbir tal-iskart domestiku.

2.4.1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgha mal-Greenpak sabiex jigi diskuss is-servizz offrut. Is-Sindku spjega li l-istatistika turi li wara l-kampanja edukattiva li saret, l-ammont ta' skart riciklabli li ngabar zdied. Is-Sindku kompla jghid li hija l-intenzjoni li din il-kampanja titkompla u tikber filwaqt li qed tigi diskussa l-possibilta li ssir gabra apposta ghal skart ta' vegetazzjoni. Kien sar kuntatt mill-Greenpak mal-Wasteserv li infurmat lill-Greenpak li dan l-iskart jintrema' bil-prezz ta' €0.50 il-tunnellata.

2.4.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius issuggerixxa li darba fis-sena issir gabra apposta ghal-hwejjeg peress li dawn kienu ta' piz kbir u jistghu jigu riciklati.

2.5.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-kunsill li l-ETC permezz ta' email approvat il-process tal-intervisti ghal-vakanza ta' projects manager u hekk kif kien semma fl-ahhar laqgha gie avvicinat is-sur Philip Gatt li gie l-ewwel fl-intervista u gie offert kuntratt skond il-ftehim kollettiv tal-haddiema tac-civil li jaqghu taht skala 12 u dan il-kuntratt gie accettat.

2.5.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf jekk kienx se jkun hemm perijodu ta' probation. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li se jkun hemm probation ta' sitt xhur u l-kuntratt kien se jkun wiehed ta' tlett snin.

2.5.3. Is-Sindku Alfred Grixti formalment ressaq mozzjoni sabiex is-sur Philip Gatt jigi mpjegat mal-kunsill fil-kariga ta' Project Manager. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu. (93)

2.5.4 Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li jkun tajjeb jekk il-project manager jibda jkun prezenti ghal-laqghat tal-kunsill u ssir laqgha ta' introduzzjon mal-kunsill.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tresqet l-ebda korrispondenza ghall-attenzjoni tal-kunsill

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti lill-Kunsilliera. Huwa talab ghall-kummenti tal-kunsilliera. Is-Sindku talab li mal-iskeda tal-pagamenti tizdied l-invoice tal-marketing u events co-ordinator ghax-xoghol f' Jannar u Dicembru li tammonta ghal €1,994.20.

| **Proposta ta' Vot ta' flus sabiex jigi approvat skond Agenda Nru 42** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Lil Min** | **Invoice No** | **Invoice Date** | **Ammont / €** | **Servizz** |
| | | | | |
| Marvic & Sons | 001/2011 | 31/01/11 | 9,911.58 | Gbir ta' Skart Jannar 2010 |
| Xuereb Bros | 9 302 674 | 30/01/11 | 3,688.17 | Knis Jannar 2010 |
| Roccu Mifsud | 60 | 28/01/11 | 886.66 | Public Conveniences Jannar 2010 |
| Wilson Mifsud | n/a | 28/01/11 | 1,579.16 | Tindif Soft Areas Jannar 2010, Hamrija triq l-Ghasfura |
| Philip Seguna | n/a | 26/01/11 | 1,908.32 | Tindif Non Urban Jannar 2010 |
| Med Design | 30004892 | 21/12/10 | 1,715.00 | Professional Fees Heritage trail |
| M&E Management Group | 2795 | 03/01/11 | 1,888.00 | String Orchestra & prize Money folk festival |
| Raymond calleja | various | various | 4,969.22 | Patching u xoghol fuq Bankini |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Total Skeda A** | | | **26,546.11** | |
| | | | | |
| **Skeda B - Hlasijiet ohra** | | | | |
| | | | | |
| Schembri Infrastructures | 20055-37 | 15/10/10 | 10,000.00 | Installment on works Triq il-Kurkanta |
| Nicholas Schembri | 18 | 15/12/10 | 240.00 | Website hosting Sep 2010 - Aug 2011 |
| Mediterranean Insurance Brokers | various | various | 4,128.70 | Renwal Insurance Policies |
| Compleet IS Services Ltd | 42411 | 22/12/10 | 60.95 | Printer Toner |
| B. Grima & Sons | 1823 | 29/01/10 | 573.60 | Tabelli u Sinjali |
| Ta' Xmun Ironmongery | 6 431 391 | 04/12/10 | 1,869.44 | Ironmongery items |
| Superior | 24, 18, 60 | various | 1,379.72 | Ironmongery items |
| ARMS ltd | 13012718 | 20/12/10 | 1,328.66 | Water & Electricity Bills Nov 2009 - Oct 2010 |
| La Barbone | 6 950 170 | 29/12/10 | 742.00 | Ikel u Drinks - String Orchestra |
| Lawrence Catania | 603 | 22/12/10 | 231.03 | Service Air conditioners |
| Central Joint Committee | cjc313, cjc325 | various | 7,581.19 | Tribunal Services December & October 2010 |
| Guard & Warden | 2945, 2946 | 31/12/10 | 2,765.67 | Speed Camera Dec 2010, Monitoring Pjazza Dec 2010 |
| Doris Cutajar | n/a | n/a | 163.24 | Librarian December 2010 |
| | | | | |
| **Total Skeda B** | | | **31,064.20** | |
| | | | | |
| **Total zewg skedi** | | | **57,610.31** | |

4.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab kjarifika dwar il-pagament ta' M&E Management Group. Is-segretarju spjega. Il-Kunsillier Agius ikkummenta li l-Kunsill ghandu jaghmel limitu ghall-ammont ta' sighat fix-xahar li jintuza s-servizz. Il-Kunsillier George Cortis ressaq suggeriment sabiex issir laqgha ta' introduzzjoni ma dan il-kuntrattur ukoll.

4.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-pagamenti jigu approvati. Huwa gie sekondat mill-kunsillier Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-pagament gew approvati b' mod unanimu. (94)

4.4. Is-Sindku Alfred Grixti talab sospensjoni tal-Agenda sabiex jigi diskuss punt 7 tal-Agenda sakemm is-segretarju jsib informazzjoni mportanti ghad-

diskussjoni relata ma' punt 5 tal-Agenda u sadanittant il-kunsill jidhol fi stadju ta' kumitat halli jiddiskuti l-performance bonus tal-impjegati u s-segretarju.

## 7. PERFORMANCE BONUS SEGRETARJU EZEKUTTIV, IMPJEGATI

7.1. Il-laqgha tkompliet fid-9.15pm.

7.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex is-Segretarju Ezekuttiv jinghata l-performance bonus full. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-performance bonus gie approvat b' mod unanimu. (95)

7.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex l-impjegati klerikali jinghataw l-performance bonus full. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-performance bonus gie approvat b' mod unanimu. (96)

## 5. PROGRAMM TA' ATTIVITAJIET (BUDGET)

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-kunsill rendikont tal-allokazzjoni tal-Kunsill ghall-ahhar sentejn. Huwa pprezenta wkoll rapport dwar l-infieq tal-Kunsill ippreparat mis-segretarju.

5.2. Is-Sindku spjega li bil-holqien tal-kumitati regjonali kien se jkun hemm tibdil fis-sistema tal-LES u l-mod kif jithallsu l-ispejjez u jinqasmu d-dhulijiet tas-sistema. Is-Sindku kompla jghid li l-kumitati kienu bdew il-process tat-tenders il-godda ghas-servizz tal-wardens izda l-kumpanija Aurelia kienet

ghamel appell minhabba li skond din il-kumpanija il-kumitati regjonali m' ghandhomx l-awtorita legali li johrogu dawn it-tenders. Is-Sindku spjega li waqt il-laqgha tas-Sindki kien spjegat lilhom li ma kienx hemm problema b' dawn it-tenders ghax il-gvern kull ma jrid jaghmel huwa li jghaddi avviz legali.

5.3. Is-Sindku ghamel referenza ghar-rendikont tal-ispejjez u qal li meta wiehed jinnota l-infiq fuq l-attivitajiet kulturali fis-sena ta' qabel dan kien jammonta ghal madwar €60,000. Is-Sindku spjega li ghal din is-sena huwa kien qieghed jipproponi programm ta' attivitajiet li l-ispiza taghhom ma taqbizx is-somma ta' €45,000. Is-Sindku spjega f' xiex jikkonsistu l-attivitajiet u qal li din is-sena kienu se jsiru aktar attivitajiet b' inqas flus.

5.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li ma kienx jaqbel ma' dan l-argument u qal li ma jistax jifhem kif tista taghmel aktar attivitajiet b' inqas flus. Huwa qal li meta wiehed jikkalkula l-ammont ta' flus li l-kunsill kien se jhallas ghal-events co-ordinator u zzidu mal-budget tal-attivitajiet kulturali l-kunsill xorta kien se jhallas l-istess ammont ta' flus.

5.5. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-attivitjajiet fil-programm msemmi ma jistghux ma jsirux.

5.6. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li fil-vot tal-flus jibda jkun hemm indikazzjoni ta' dawk l-ispejjez relatati mal-attivitajiet kulturali u tkun responsabilta tas-segretarju li jwaqqaf kwalunkwe attivita jekk inkun se jinqabez il-budget imsemmi. Il-Kunsillier Agius kompla jghid li ta' kull sena kien jitnqal li l-Kunsill kien se jimxi fuq budget ghall-attivitajiet u ta' kull sena dan il-budget kien jinqabez xorta wahda, ghalhekk kien inutli li l-kunsill joqghod jintrabat b' figuri li se jinqabzu zgur.

5.7. Il-Kunsillier George Cortis qal li s-sigriet fl-organizzazjoni ta' attivitajiet hija li taghmel hafna affarijiet bi ftit spejjez. Il-Kunsillier Cortis issuggerixxa li jsir tournament tal-bocci, jew sports day fil-pjazza u affarijiet ohrajn. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ikkumment li tmiss fejn tmiss tohloq l-ispejjez.

5.8. Is-Segretarju spjega li s-somma ta' €60,000 imnizzla fir-rendikont kienet tinkludi l-organizzazjoni tal-attivitajet mill-bidu sal-ahhar, kif ukoll ir-reklamar taghhom.

5.9. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li l-kunsilliera ghandhom ikun involuti fl-organizzazjoni ta' dawn l-attivitajiet u ghandhom jigu mistiedna ghal-laqghat sabiex jaghtu l-ideat taghhom.

5.10. Il-Vici Sindku Duncan Bartolo ressaq mozzjoni sabiex il-programm ta' attivitajiet mressaq mis-Sindku jigi approvat u jigi organizzat b' budget li ma jaqbizx is-sonna ta' €45,000 liema somma ma tinkludix ir-reklamar u l-

management ta' dawn l-attivitajiet. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Emanuel Agius

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-performance bonus gie approvat b' mod unanimu. (97)

## 6. RAPPORT TOROQ (PPP U VJAL IL-HELSIEN)

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-kunsill li rigward il-progett tal-PPP kienet qeghdha tithejja laqgha ta' kordinament bejn l-enitajiet sabiex jigi diskuss hemm'x xi xoghol li dawn jixtiequ jaghmlu sabiex il-permess jigu rilaxxati aktar malajr.

6.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fuq Vjal il-Helsien kienu qeghdin isiru surveys minn naha tal-perit sabiex jitlesta d-dokument tat-tender.

## 8. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA URGENTI

8.1. Il-Vici Sindku Duncan Bartolo nforma lill-Kunsill li kien hemm 5 partecipanti fil-progett Kunsill Lokali taz-Zghazagh u jekk il-progett jigi approvat il-Kunsill ihallas is-somma ta' €3,500.

## 9. AGGORNAMENT

9.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Hamis 10 ta' Marzu fis-7pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.45pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv